# IS-SEBÂT IJIEM TAL-ĦOLQIEN

JEKK niftħu l-Iskrittura Mqaddsa fejn tgħid fuq il-ħolqien tad-dinja—il-Ġenesi—insibu li Alla ħalaqha f'sitt ijiem, u fis-seba' jum strieħ mix-xogħol Tiegħu.

Dawn il-jiem tal-ħolqien qalgħu ħafna għajdud fuq kif għandna nfissruhom, u nsibu li bosta għorrief ma jaqblux ma' xulxin fuq dan. Għal bosta żmien kien jitwemmen—kif konna nemmnu aħna f'żgħożitna—li l-jiem tal-ħolqien tad-dinja kienu tassew ta' erbgħa u għoxrin siegħa, u li Alla ħalaq id-dinja f'jum wara ieħor għal ġimgħa sħiħa. Issa, barra minn dina t-tifsira, hemm ukoll bosta oħra mill-għorrief kattoliċi, u l-Knisja qatt ma ġagħlitna nemmnu f'waħda jew fl-oħra, għaliex din il-ħaġa ma tmissx it-Twemmin Imqaddes. Dawn insemmuhom iżjed il-quddiem.

Għalfejn ġie miktub il-ktieb tal-Ġenesi? Tgħid biex jati tifsira tal-bidu tad-dinja li tkun ta' xeħta xjentifika? Aktarx li lê, meta niftakru f'idejn min kellha taqa' din it-tifsira: f'idejn ġens ewlieni li ma kien jifhem xejn fuq xjenza, u għalhekk ma kienx jaqbad x'qatt ried igħid il-kittieb Imqaddes. Mhux dan kien il-ħsieb tiegħu, imma li jurihom il-ħsieb ta' Alla għall-fidwa tal-bniedem. Għalhekk il-ktieb tal-Ġenesi joqgħod wisq iżjed fuq il-ħolqien tad-dinja fejn għandha x'taqsam mal-bniedem milli fuq il-ħolqien ta' l-Univers, jiġifieri tad-dinjiet kollha.

Li l-ġrajjiet, kif jinsabu fil-Ġenesi, kienu maħsuba għal xi ġens ewlieni, jidher sewwa mill-kliem ħafif tagħhom, meħtieġ għal dawk iż-żmenijiet kif ukoll li kull ma fihom jinsab skond id-dehra, jiġifieri skond kif jaraw il-għajnejn.

U la darba, bħala bnedmin li aħna, ma nistgħux naħsbu f'Alla u fuqu nitkellmu ftit jew wisq iżjed fil-għoli, il-ġrajjiet tal-Ġenesi jidhru, biex nifhmuhom iżjed aħjar, bħal li kieku ġew magħmula minn bnedmin. Fihom Alla jagħmel, jaħseb u jitkellem bħalma jagħmel, jaħseb u jitkellem bniedem. Għalhekk, bħala bnedmin li aħna, ma hemmx x'tistagħġeb, li naħsbu ta' bnedmin fuq it-tifsira ta' *jum*, jekk ma' nkunux megħjunin mix-xjenza.

Meta aħna nitkellmu fuq ħolqien, għandna jkollna f'rasna li għal Alla ma hemmx la l-imgħoddi u l-anqas li ġej, u billi Huwa m'għandux x'jaqsam la ma' qies, u l-anqas ma' żmien, jidher sew li meta nsieħbu l-kelma *jum* ma' Alla, u nobsru, fl-istess ħin, li din il-kelma tfisser erba' u għoxrin siegħa,

inkunu qegħdin nitkellmu fuq żewġ ħwejjeġ taħt isem wieħed, iżda li ma għandhom x'jaqsmu xejn.

Il-Ktieb ta' Ġobb hekk imur igħid fuq Alla: "Għandek Inti għajnejk tal-laħam? tara Inti bħal ma' jara l-bniedem? Huma jiemek bħal dawk tal-bniedem u s-snin Tiegħek bħal żmenijietu?"

Dawn il-kelmiet igħidulna kollox fil-qasir, u jħalluna naħsbu li għandu mnejn il-kelma *jum* tfisser qata' ta' żmien twila ħafna u f'sitt żmenijiet twal id-dinja waslet, bil-ftit il-ftit, biex saret kif narawha l-lum. Hekk tgħallimna l-Ġeöloġija. Fl-istess ħin, il-kliem tal-Ġenesi jħallina naħsbu fil-kobor bla tarf ta' Alla li għalih ix-xogħol ta' dawn iż-żmenijiet kollha ma kenux ħlief xogħol ta' ftit ġranet. B'hekk aħna naraw li ma hemm l-ebda tlewwim bejn il-Ġenesi u l-Ġeöloġija.

Ħalli issa naraw kif il-ġrajjiet tal-Ġenesi nistgħu nqabbluhom ma' kull ma tgħidilna x-xjenza.

**Fil-bidu ħalaq Alla s-smewwiet u l-art (Ġen. I, 1)** (1).

Jekk aħna, bħala nsara, inżommu mat-tagħlim filosofiku li jgħid li l-materja ġiet maħluqa minn Alla u Minnu mżejna bis-setgħat tagħha kollha—kontra dak it-tagħlim li jgħid li l-materja kienet minn dejjem—jidher sew li, billi kollox hu magħmul biha, hi kienet l-ewwel ħaġa li kellha tinħalaq, u biha kellhom isiru s-smewwiet u l-art, jiġifieri l-Univers.

**U kienet l-art ħorrox borrox, u d-dlamijiet ma' kullimkien u n-nifs t'Alla jittajjar fuq wiċċ l-ilmiet (Ġen. I, 2)**

Dan ukoll jaqbel max-xjenza li tgħid li hekk kien. Jidher mit-teorija li tgħid li l-Art saret min-*nebula* (2) u għal l-ewwel kienet wisq sħuna. Għal daqstant kien jeħtieġ

---

(1) Niżżu-ħajr lir-Revdu Dun P. P. Saydon talli għoġbu jtini dawn il-vrus tal-Ġenesi miktubin bil-malti. (N. tad-D.)

(2) *Nebula* hi bħal sħaba mikwija u li tarmi dawl ftit u xejn ħafif, miżmuma f'postha fis-sema. Xi drabi, in-nebula hi magħmula minn ħafna kwiekeb żgħar, drabi oħra hi magħmula minn gass jikwi.

Skond din it-teorija, minn flok is-sistema solari tagħna kien hemm *nebula* kbira, Kienet tarmi d-dawl u kienet iddur fuqha nfisha.

Din in-*nebula* bil-ftit il-ftit bdiet tiksaħ u tiċkien u d-dawran tagħha beda wkoll jiżdied. Fuqha kienu jaħkmu żewġ qawwiet: il-waħda li l-biċċa ta' barra riedet tinfired (*forza ċentrifuga*) u l-oħra li riedet tibqa' żżomm man-nofs. (*forza ta' l-attrazzjoni*).

Mita d-dawran kiber biż-żejjed, il-forza ċentrifuga rebħet, u bdew jinfirdu ħafna ċrieki u wara żmien għaqdu u minnhom saru l-pjaneti,

żmien twil wisq sakemm tiksaħ biż-żejjed biex iżżomm il-ħajja fuqha. U sa ma jsir dan, id-dinja kellha, bil fors, tibqa' minngħajr ħajja. Mhux biss, imma aktarx li kienet imdawra minn sħab ta' fwar li, wara xi żmien, għaqad f'ilma u minnu saru l-ibħra u l-ilmiet tad-dinja. Dan is-sħab ma kienx iħalli li jiddi fuqha d-dawl mitfugħ min-*nebulae* l-oħrajn ta' l-Univers.

**U Alla qal: Ikun id dawl. U kien id-dawl. (Ġen. I, 3)**

Nissuktaw ma' dak li għidna qabel. Meta dak il-fwar sar ilma, id-dawl li kien ġej min-*nebulae*, l-oħrajn kien jista' jiddi fuq wiċċ l-Art li qabel kienet mudlama.

Qabel ma ħasbu fit-teorija tan-*nebulae*, ħadd ma sata' jifhem il-għala d-dawl beda jiddi fuq d-dinja qabel ma ġew maħluqa x-xemx, il-qamar u l-kwiekeb, għaliex il-lum huma dawn li jatuna d-dawl. Is-sistema tax-xemx tagħna, skond it-teorija li semmejna, kienet għadha, sa dan iż-żmien tal-ħolqien, magħmula min-*nebulae* li kienu jduru u mhux għal kollox imkessħa.

Imħabba fil-kobor tagħha, ix-xemx kienet trid wisq iżjed mid-dinja biex tiksaħ u tkun tista' tassew tissejjaħ xemx u tarmi dawl qawwi, għalkemm hija kienet ġa qiegħda tati xi dawl. B'daqshekk naraw kemm timxi bir-reqqa, għalkemm bi kliem ħafif, il-Bibbja, f'dak li tgħid, u kemm jimxu wisq tajjeb flimkien il-ġrajjiet tal-Ġenesi u t-tagħlim tax-xjenza.

**Qal ukoll Alla: Ikun hemm firxa f'nofs l-ilmiet, li tifred ilma minn ilma (Ġen. I, 6)**

X'nifhmu bdin il-kelma firxa (firmament)? Skond il-Bibbja ta' Douay, din tfisser il-vojt bejn l-Art u l-ogħla kwiekeb; bejn l-ilma ta' fuq l-art u dak ta' fuq is-sħab.

Wara li l-Art kesħet biż-żejjed iċ-ċpar tbiddel f'nida u minn dan saru l-ilmiet tad-dinja. Issa l-ftit ta' dawl li kien ġej min-*nebulae* sata' jibda jiddi fuq l-Art iżjed minn qabel, għax ma kien hemm xejn xi jtellfu.

**Qal inbagħad Alla: Jinġemgħu l-ilmiet ta' taħt is sema f'naħa waħda, u jidher l-inxief. U hekk kien (Ġen. I, 9)**

Dan ifisser li l-ilma kien igħatti kollu kemm hu l-wiċċ ta' l-Art. Inbagħad, maż-żmenijiet, l-Art bdiet togħla f'xi bnadi u tinżel f'xi oħrajn u b'daqshekk l-ilma nfired f'ħafna biex igħaqqad l-ibħra u l-agħdajjar tad-dinja, b'art niexfa f'nofshom.

**U qal Alla: Tnibbet l-art ħdura, ħaxix jagħmel iż żerriegħa, u siġar tal-frott skond ġenshom....(Ġen. I, II)**

Mela l-ħxejjex dehru qabel il-bhejjem, għalkemm aħna nsibu li saħansitra fl-ewwel blat (Kambrian) taż-żmien. Paleożojku, jidhru l-qatât kbar ta' l-annimali invertebrati (Protozoi, Sponos, Graptoliti u l-iżjed Trilobiti).

Ma għandniex ninsew li l-ġrajja tal-ħolqien, fil-Ġenesi, hija meħuda fuq fuq, jiġifieri iġġib kollox fil-qosor. Għalhekk jidher, f'dak li ġibna fuq, li x-xitel ġew maħluqa kollha f'daqqa, waqt li aħna nafu li dawk ta' bla fjuri (il-*krittogami*), kienu jgħixu qabel l-oħrajn bil-fjuri (il-*fanerogami*). Imma billi dawn tnisslu minn ta' qabel, nistgħu ngħidu li nħalqu f'daqqa, kif qal il-kittieb imqaddes. Mela issa bdiet tidher il-ħajja fuq wiċċ l-Art—ħaġa li tfisser ħafna.

**Qal ukoll Alla : Ikun hemm dawwaliet fil-firxa tas-sema....U għamel Alla ż-żewġ dawwaliet il-kbar, id-dawwala l-kbira biex tkun fuq in-nhar, u d-dawwala ż-żgħira biex tkun fuq il-lejl, u l-kwiekeb (Ġen. I, 14 16).**

Dan ma jfisserx li x-xemx ġiet maħluqa fir-raba' jum, għaliex kienet minn qabel bħala *nebula*, li ma' sħabha l-oħra, inħalqet meta Alla ħalaq is-sema (Ġen. I, 1). Biss irid ifisser li issa din in-*nebula* saret xemx, wara li f'dan iż-żmien kollu, bil-ftit-il-ftit, kesħet u għaqdet; u bdiet tarmi dawl qawwi.

Issa l-qamar, bilfors kellu jinfired mill-bqija ta' l-art kabel ma din għaqdet; u fuqha bdew jikbru l-ħxejjex. U billi l-qamar kien wisq iċken mix-xemx, għandna naħsbu li hu għaqad iżjed malajr minnha. Imma billi aħna nqisuh bħala *dawl*, bilfors li għandu jissemma' flimkien max-xemx u mhux qabel, għaliex id-dawl tiegħu ma hux ħaġ'oħra ħlief l-istess dawl tax-xemx li jidher fih, u jintefa' l-ura minnu għal fuq id-dinja.

Hawn naraw illi x-xemx u l-qamar ma humiex ta' ħtieġa ħlief għad-dawl li bih idawlu l-wiċċ ta' l-art bin-nhar u bil-lejl: l-aktar ħaġa ta' ħtieġa,fil-ktieb tal-Ġenesi,m'għandniex xi ngħidu, hi d-dinja li fuqha jgħix il-bniedem, u li għalih il-ktieb tal-Ġenesi ġie miktub.

**U qal Alla : Jiżgħed l-ilma b'bhejjem ħajjin u jittajru; it-tjur fuq l-art għall-wiċċ il-firxa tas-sema. U ħalaq Alla l-bhejjem il-kbar ta' l-ilma, u kull bhima ħajja li żiegħdu l-ilma, skond ġenshom....(Ġen. I, 20 21).**

Hawn niltaqgħu, għal l-ewwel darba, mal-ħajja li tinħass u mhux mal-ħajja l-oħra bħal meta semmejna l-pjanti. Insibu wkoll li x-xjenza taqbel mal-Bibbja, għaliex skond l-Evoluz-

zjoni jidher li l-ewwel protozoi kellhom il-bidu tagħhom fil-baħar, li l-ħut kien qabel il-għasafar, u li l-bhejjem il-kbar (Ickthyosauria)—li fl-Ebrajk jissejħu b'kelma li ġiet bosta drabi maqluba f'*baliena*—kienu jgħammru fiż-żmien ġeoloġiku li wasalna fih (ġiurassiku) għalkemm xi wħud minnhom insibuhom ukoll fiż-żmien ta' qabel(triassiku).Għandna naraw li l-kittieb imqaddes, għad li ma kienx jaf xejn fuq xjenza, għaraf iqiegħed il-għasafar mal-ħut u mhux mal-mammali, kif kien jagħmel wieħed ieħor mhux tax-xjenza.

Fil-Ġenesi, il-ħxejjex u l-annimali huma mifrudin minn xulxin, fil-ħin li aħna nafu li flimkien mal-ħxejjex, kien hemm dejjem xi annimali invertebrati, għalkemm ta' ordni, wisq baxxa. Dan jitfisser hekk: il-kittieb imqaddes, forsi, ma riedx itawwal fuq xi annimali li ma kenux jatu kas tagħhom dawk il-bnedmin li għalihom mar jikteb; u għalhekk minn l-ewwel imur isemmi dawk l-annimali li wisq iżjed minn l-oħrajn huma magħrufa qalb il-bhejjem ta' l-Art. Kif ukoll li l-kittieb imqaddes ried iżomm fil-qosor u fi ftit kliem.

**Qal inbagħad Alla: Tnissel l-art bhejjem ħajjin, skond ġenshom....** (Ġen. I, 24)

Kollox hu mqiegħed sewwa: il-bhejjem ta' l-art bdew igħixu wara l-ħut u l-għasafar u qabel il-bniedem. Biss għandna niftakru li flimkien mal-għasafar kienu jgħixu xi ftit marsupjali; imma l-mammali kienu ta' ħtieġa ġeoloġika fl-epoka terzjarja, jiġifieri fl-epoka ta' qabel dik li fiha deher il-bniedem (l-epoka qwaternarja)—l-aħħar waħda tal-Ġeoloġija.

**Qal ukoll Alla: Nagħmlu l-bniedem fuq surietna u fuq xbiħietna...** (Ġen. I, 26)

Il-bniedem deher fl-aħħarnett, u hekk tgħidilna x-xjenza, kif għadna kif semmejna.

Kif rajna f'kull ma għedna sa issa, kollox sar skond kif iġġegħilna naħsbu li sar ix-xjenza tal-lum. Dawn il-ħwejjeġ aħna l-lum nifhmuhom, imma l-ebda ħadd, f'dawk iż-żmenijiet ewlenin, ma kien jobsor bihom. Għalhekk ta' min isaqsi lil dawk li ma jemmnux kif ifissru dan il-qrib kollu bejn il-ġrajja tal-Ġenesi u x-xjenza tal-lum. Min qatt sata' jnebbah bihom lill-kittieb tal-Ġenesi ħlief Alla l-Imbierek?

Sa issa aħna rajna kemm jaqblu flimkien il-Ġenesi u x-Xjenza tal-lum f'dak kollu li huma jgħidulna, il-waħda fuq il-ħolqien tad-dinja u l-oħra fuq il-bidu tagħha. Imma jiswa wisq li wieħed ikun jaf li dana kollu li għedna mhix

it-tifsira weħidha li l-għorrief kattoliċi jatu tal-Ġenesi. Hemm ħafna teoloġi li l-ewwel Kap tal-Ġenesi fehmuh b'mod jew b'ieħor, u li l-Knisja qatt ma kkundannathom.

Ħafna fissru, (u oħrajn għadhom ifissru) il-Ġenesi kelma b'kelma. Oħrajn qalu li l-ġrajja tal-Ġenesi huwa xebh. Mgr. Vigouroux (1) hekk imur igħid: "Il-fidi ma ġġigħelniex nifhmu kelma b'kelma kull ma jinsab miktub fl-ewwel kap tal-Ġenesi......Xi kommentaturi, u fost oħrajn il-kardinal Cajetan, fissru b'xebh il-bidu tal-Ġenesi, u l-knisja ma kkundannathomx, iżda baqgħet iżżommhom b'kattoliċi".

Hemm xi kattoliċi li jridu jgħidu li l-ħolqien tad-dinja huwa maqsum f'sebât ijiem ħalli jkun jista' jiġi rreċitat fil-liturġija (2).

Oħrajn għandhom f'rashom li Mosè kellu minn għand Alla dehra wara oħra li fihom hu mar jara l-qawwa Tiegħu ħallieqa.

Tifsira oħra hija li l-ġrajjiet tal-Ġenesi jagħmlu dramm allegoriku f'sitt atti, li fih aħna naraw kemm huwa dmir tagħna li natu ġieh lil Alla Wieħed li ħalaq is-sema u l-art, u li nibqgħu nafuhulu għal kemm kien tajjeb magħna.

Wara li semmejna t-tfissir ta' bosta għorrief, nistgħu naraw li ma hemmx għal fejn wieħed iħaqqaqha fuq tifsir wieħed. U nistgħu nżidu li l-ġrajjiet tal-Ġenesi dejjem ġew iżjed imwettqa bil-għerf ta' kull żmien.

Dak li qatt ma għandna ninsew hu li l-fehma tal-kittieb tal-Ġenesi kienet reliġjuża: jiġifieri li jmur juri lill-bniedem li l-ħolqien tad-dinja sar minn Alla Wieħed.

Igħid it-teölogu Ġużeppi Rickaby, S. J: "Kull ma trid turi l-Knisja hija l-għaqda tal-ġens uman: kullħadd ġej minn missier wieħed, kullħadd imwieled bid-dnub ewlieni għall-ħtija ta' dak il-missier, u kullħadd jinsab fil-bżonn tal-fidwa tal-Feddej tagħna li Huwa wieħed. Kif ukoll il-knisja żżomm kull ma hu mfisser, u miżmum mill-ġrajjiet tal-Ġenesi. Imma l-knisja ma tatniex l-ebda tifsir ta' dawk il-ġrajjiet hekk mudlama biex nemmnu lilhom biss".

Nispiċċaw bil-kliem ta' Santu Wistin (3): "Ħafna nies jitlewmu wisq fuq ħwejjeġ li l-iskritturi mqaddsa ħallew barra b'għaqal akbar minn tagħna....L-Ispirtu t'Alla li tkellem fihom ma riedx igħallem lill-bnedmin dawk il-ħwejjeġ li ma kienu jiswew xejn għall-fidwa tiegħu."

C. Vassallo.

---

(1) "Mélanges Bibliques: *La cosmogonie Mosaïque.*"
(2) L-Isqof Clifford, "*Dublin Review,*" April, 1881.
(3) "*De Genesi ad literam,*" (ii., 9, 20).